**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 1000/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**kontra**

**Stefanija Buchkova**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Stefanija Buchkova** ta' tlieta u għoxrin (23) sena, bint Vladica Stankovic u Svetlana xebba Nikolic, imwielda ġewwa Leskovaci, Serbja, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001), residenti fl-indirizz numru għoxrin (20), Marlene Apartments, Flat numru sebgħa (7), Triq l-Iskuna, San Pawl il-Baħar, u detentriċi tal-permess ta' residenza bin-numru 0286564A, li ġiet imressqa quddiemha akkużata talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta tas-sagħtejn u wieħed u għoxrin minuta (02:21hrs) ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Gudja:-

1. Daħlet f'żona ristretta ġewwa l-Ajruport mingħajr il-permess tal-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni, u tal-Awtorita' responsabbli għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew persuna li taġixxi f'isem dak il-Kap jew dik l-Awtorita' u skond kull kundizzjoni li bis-saħħa tagħha ikun għal dak iż-żmien inħareġ dak il-permess;

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, daħlet f'żona ristretta mingħajr ma kellha *security pass* jew awtorizzazzjoni temporanja bil-miktub maħruġa mill-Kap tas-Sigurta fl-Avjazzjoni;

Rat illi fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputata debitament assistita rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u ngħatat biżżejjed żmien sabiex terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

L-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u għalhekk fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tagħha għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali tagħha li hija waħda netta, kif ukoll il-fatt li hija kkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Qieset ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputata qegħda tinstab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, mhux tali li jimmeritaw piena ta' priġunerija.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 11(1)(a), 12(1) u 17(1) tal-Att dwar Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili, Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputata **Stefanija Buchkova** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, iżda peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk hija twettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tingħata sentenza għar-reati trattati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta’ l-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata ta’ din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara